MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 134/2004

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ian Busuttil**

**Vs**

**Carmel Azzopardi**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm250 (mitejn u hamsin Lira Maltin) dovuti in linea ta' danni sofferti mill-attrici.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-2 ta' Gunju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-20 ta' Gunju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------